**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

**Illum, il-11 ta' Jannar 2023**

Kaz Nru: 57/18

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Frank Anthony Tabone)

**kontra**

**ERSILIA GAUCI**

(Detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru 449975(M))

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Ersilia Gauci** ta' tnejn u erbghin (42) sena, bint Carmelo u Dolores nee' Tabone, imwielda San Giljan nhar it-12 ta' Settembru 1971, residenti 46, Fl.5, Triq Marsamxett, Valletta u detentrici tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 449975M, akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer fis-16 ta' Marzu 2018 u/jew fix-xhur ta' qabel din id-data;

a) Forniet jew ipprokurat jew offrit li tforni jew li tipprokura d-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall uzu ta' persuna/i minghajr ma kellha licenzja mill-President ta' Malta

minghajr ma kienet awtorizzata bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li tforni d-droga u minghajr ma kienet fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellha licenzja jew xort' ohra awtorizzata li timmanifattura jew tforni d-droga imsemmija u minghajr ma kellha licenzja li tipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti ta' l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) Kellha fil-pussess taghha d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzata li timmanifattura jew li tforni d-droga msemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga imsemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmi u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li m kinitx ghall-uzu esklussiv taghha;

c) Kellha fil-pussess taghha d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kinitx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqima ta' l-Ordinanza u meta ma kinitx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzata li timmanifattura jew li tforni d-droga imsemmija u meta ma kinitx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollha d-droga imsemmija fil-pussess taghha u naqset li tipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilha ghall-uzu taghha skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

d) Saret recediva b'diversi sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputata thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skont l-artikolu 533 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali, *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta) li permezz tal-istess Ordni, ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu[1];

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjonijiet ta' Kawzi u Doveri datat it-28 ta' Lulju 2021, permezz ta' liema din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta;

Rat l-ezenzjoni tal-partijiet mis-smigh mill-gdid tal-provi gia mismugha minn din il-Qorti diversament preseduta[2];

Rat u Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti processwali kollha tal-kaz odjern u d-dokumenti esebieti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

A. Il-Fatti

Illi mill-provi mressqa jirrizulta li l-fatti tal-kaz odjern jirrisalu lura ghas-16 ta' Marzu 2018 meta l-pulizija marru go fond (garaxx) – 54, Triq il-Mejjilla, Hal-Qormi bil-ghan li jezegwixxu mandat fil-konfront ta' Renald Baldacchino. Meta l-pulizija dahlu fl-imsemmi garaxx, apparti lil Baldacchino huma sabu diversi persuni ohra fosthom il-qua imputata Ersilia Gauci. Minn tfittxijiet li ghamlu l-pulizija fl-imsemmi garaxx sabu diversi affarijiet relatati mat-tehid tad-droga.

Ersilia Gauci giet arrestata. Tfittxija li saret fuq il-persuna taghha rrizultat fin-negattiv. Madanakollu minn tfittxija li saret fil-vettura taghha tal-marka BMW bin-numru ta' registrazzjoni EBU-438 instabu sachet bi trab abjad fil-bieba tal-passigier; fuq is-seat ta' wara tal-vettura nstabet landa kontenenti sachet

[1] Fol. 9 tal-atti processwali
[2] Fl-udjenza tal-11 ta' Jannar 2022

imdaqqas bi trab abjad, pipa tal-hgieg, landa zghira kontenenti foil, tazza tal-plastic bajda kontenenti sachet imdaqqas bi trab abjad flimkien ma zewgt sachets ohra. Instabu ukoll kuccarina u kuccarun bi tracci ta' trab abjad.

Nhar is-17 ta' Marzu 2018, Ersilia Gauci rrillaxat stqarrija lill-ufficjal investigattiv Frank Anthony Tabone u dana wara li giet mghottija d-drittijiet kollha spettanti lilha inkluz id-dritt ghall-assistenza legali kemm qabel u waqt l-istqarrija. Gauci rrinunzjat ghad-dritt li tkun legalment assistita fil-fatt hija ffirmat dikjarazzjoni in sostenn ta' dan[3]. F'din l-istqarrija Gauci spjegat li kienet saret taf lil Renald Baldacchino madwar hames gimghat qabel u li f'dak il-perjodu hija kienet qed tohrog mieghu. Konsegwentament kienet qed tkun ta' spiss fil-garaxx ta' Baldacchino gewwa Hal-Qormi ghaliex huwa kien jghix fl-istess garaxx. Hija ma taghtiex spjegazzjoni ghaliex kien ikun hemm in-nies fl-imsemmi garaxx madanakollu tghid li hija gieli rat lil Baldacchino jabbuza mid-droga – eroina, kokaina, u haxixa. Gauci tghid li hija qatt ma hadet drogi minghand Baldacchino ghalkemm kienet tikkonsma d-droga kokaina (madwar tlett grammi kuljum). Hija tghid li qatt ma traffikat droga. Fir-rigward tal-vettura, hija tghid li dik hija taghha u taghmel uzu minnha hi stess ghalkemm gieli kienet ghaddietha lill-haddiehor ghal xi qadja f'okkazzjonijiet rari. Hija giet murija evidence bag N05242763 kontenenti mizien digitali, erbgha boroz b'sustanza bajda u xi affarijiet ohra relatati mal-konsum tad-droga u hija kkonfermat li l-imsemmija oggetti huma taghha. Hija tghid ukoll li s-sustanza bajda kienet is-sustanza kokaina. Waqt l-istqarrija Gauci sostniet ukoll li din id-droga kienet intiza unikament ghall-uzu esklussiv taghha. Mistqosija ghaliex kienet fil-pussess ta' mizien digitali hija spjegat li dan kienet tuzah meta tixtri sabiex ma jisirquhiex. Mistoqsijiet dwar l-oggetti eletronici li nstabu fil-pussess taghha hija spjegat li t-tablets kienu tat-tfal taghha, in-navigator kienet taghmel uzu minnu hi. Il-mobile huwaei huwa taghha filwaqt li Samsung gold kienet ha tixtrieh minghand Baldacchino izda kienet ghada ma pruvatux. Fl-istqarrija taghha hija tikkonferma li madwar tlett ijiem qabel kienet ikkonsmat l-eroina.

Illi minn analizi tal-apparat eletroniku mill-espert nominat ghal dan l-iskop, Dr. Martin Bajada, ma rrizulta xejn li b'xi mod jistgha jindika traffikar ta' sustanzi illeciti mill-qua imputata. Lanqas ma rrizulta xejn in konnessjoni mal-konsum ta' sustanzi illeciti.

Fl-iter processwali odjerni gew ipprezentati zewgt stqarrijiet guramentati ai termini tal-artikolu 24A(12) u (13) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta rrillaxati minn Alan Micallef u Gordon Grech rispettivament. L-istess zewg xhieda hadu l-pedana tax-xhieda. It-tnejn li huma spjegaw li huma kienu jixtru d-droga minghand Baldacchino u gieli kkonsmawha fil-garaxx ta' Baldacchino. It-tnejn

[3] Dok. FT5, fol. .33 tal-atti processwali.

li huma nnegaw b'mod kategoriku li gieli xtraw id-droga minghand il-qua imputata Ersilia Gauci. Alan Micallef, madanakollu jghid li waqt li gieli kien ikun ghand Baldacchino, Gauci gieli tatu ftit mid-droga taghha u huwa gieli ta minn tieghu. Huwa jispjega li dan ma kienx isir f'forma ta' bejgh izda izjed biex jaqsmu id-droga ma xulxin. Fil-fatt ma kienx ikun hemm transazzjoni ta' flus.

B. Kunsiderazzjonijiet dwar ir-reita' tal-imputata

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni, Gauci tinsab akkuzata bi traffikar tal-kokaina. L-artikolu 22(1B) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jaghti s-segwenti definizzjoni ghal "traffikar"

> *(1B) Għall-finijiet ta' din l-Ordinanza l-kelma "jittraffika" (bil-varjazzjonijiet grammatikali u bl-espressjonijiet imnisslin minnha) b'riferenza għal traffikar f'mediċina, tinkludi l-koltivazzjoni, f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li tali koltivazzjoni ma kenitx għall-użu esklussiv tal-ħati l-importazzjoni f'dawk iċ-ċirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx għall-użu esklussiv tal-ħati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, il-provvista, li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, u l-għoti ta' informazzjoni intiża biex twassal għax-xiri ta' tali mediċina bi ksur ta' din l-Ordinanza: (sottolinear ta' din il-Qorti).*

B'referenza ghal din l-imputazzjoni, ix-xhieda pajzana mressqa mill-prosekuzzjoni – Micallef u Grech, nnegaw li huma qatt inqdew minghand Ersilia Gauci ghad-droga u dan minkejja li go mistoqsija diversi drabi kemm waqt l-istqarrija guramentata u anke waqt ix-xhieda taghhom quddiem din il-Qorti. Fil-fatt huma jallegaw li d-droga dejjem xrawha minghand Baldacchino u qatt minghand Gauci (anke minhabba l-assenza ta' Baldacchino). Alan Micallef fix-xhieda guramentata tieghu quddiem il-Magistrat Inkwerenti, jiddikjara li jekk Ersilia Gauci kien ikollha d-droga fuqha dan kien ikun ghall-uzu taghha. Madanakollu, Micallef, fl-istess xhieda guramentata gie mistoqsi ukoll:

| | |
|---|---|
| *"Mag Ink:* | *U inti qed tghidli hekk ghax gieli rajtha tiehu d-droga hemmhekk?* |
| *Xhud:* | *ghax gieli spiccatli jien u offrietli u gieli tajtha xi nifs jien. Affarijiet hekk.* |
| *Mag Ink:* | *Offrietlek minn taghha igifieri?* |
| *Xhud:* | *Iva.* |
| *Mag Ink:* | *B'xejn?* |
| *Xhud:* | *Offrietli nifs wiehed ta.* |
| *Mag Ink:* | *Minghajr flus imma?* |
| *Xhud:* | *Minghajr flus iva* |

*Mag Ink: Qatt ma talbitek flus?*
*Xhud: u gieli tajtha jien. Inpattihulha lura.*
*Mag Ink: u ghal kokaina qed tghid dejjem*
*Xhud: Iva fuq kokaina biss. oggetti ohra ma mmissx jien."*

Meta xehed bil-gurament fil-prezenza tal-imputata waqt il-proceduri odjerni Alan Micallef ikkonferma l-istqarrija guramentata li huwa kien irrillaxxa.

Din il-Qorti ma ghandhiex ghalxiex tiddubita mill-verzjoni mghotija minn Alan Micallef. Minn din il-verzjoni ta' fatti jirrizulta li f'istanzi rari Gauci ghaddiet xi droga lil Micallef, fis-sens li qassmet xi droga li minnha kienet qed tikkonsma hija ukoll. Huma kkonsmaw din is-sustanza flimkien fl-istess post. Dan l-agir jinkwadra fil-kuncett ta' trafficking by sharing hekk kif definit ai termini tal-artikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta:-

> *"…<u>li l-ħati kien biħsiebu jikkonsma l-mediċina f'dak l-istess post flimkien ma' oħrajn</u>, jew akkwista kwantità żgħira ta' mediċini biex jiġu kkunsmati f'dak l-istess post għal u fuq talba ta' persuni fil-kumpanija tiegħu f'avveniment wieħed mingħajr profit"* (emfazi ta' din il-Qorti).

Fid-dawl ta' dak suespost il-qua imputata ser tinsab hatja tal-ewwel imputazzjoni b'dan li l-imsemmija imputazzjoni taqa' fil-parametri tal-ewwel proviso tas-subartikolu 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

It-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' Gauci tirrigwarda l-pussess aggravat tas-sustanza kokaina. Mill-atti processwali ma hemmx dubbju li l-qua imputata Ersilia Gauci kienet fil-pussess tas-sustanza kokaina stante li din instabet fil-vettura taghha. Fl-istqarrija taghha Gauci ammettiet ukoll dan il-pussess. Stabbilit dan jonqos biss li jigi determinat jekk dan il-pussess kienx ghall-uzu esklussiv ta' l-imputata jew altrimenti kienx intiz ukoll ghall-ispacc. Il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) fis-sentenza fl-ismijiet: Il-**<u>Pulizija vs. Ernest Briffa</u>**[4] (anke b'referenza ghal sentenzi ohra) ddikjarat is-segwenti:

> *"<u>Dwar l-ammont ta' droga, dan ghandu jitqies fid-dawl tac-cirkostanzi kollha li fihom tali droga tkun instabet.</u> Fl-Appell Kriminali Il-Pulizija v. Noel Borg deciz fit-12 ta' Frar 2009 intqal:*
>
> > *'Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Marius Magri' [12.5.2005], dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienetx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill hinn minn kull dubju dettat*

[4] 26.1.2011

*mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio" [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara. Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri" [2.9.1999].)*

*Illi pero` kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x' inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli. (App. Krim . "Il-Pulizija vs. Brian Caruana" [23.5.2002]).'"*

Hekk kif indikat izjed 'il fuq f'din is-sentenza mit-tfittxija li saret fil-karozza instabu diversi boroz kontenenti sustanza suspettata droga. Fil-fatt mir-relazzjoni ta' Godwin Sammut jirrizulta li fil-vettura ta' Gauci instabu diversi pakketti kontenenti s-sustanza kokaina fis-segwenti ammonti: 5.68g; 0.57g; 11.1g u 8.70g. L-ammont totali tal-kokaina kien ta' 26.05g b'purita ta' 18%. Fl-istqarrija taghha Gauci stqarret li s-sustanza kienet intiza unikament ghall-uzu taghha ghalkemm ma kinitx tiftakar b'mod preciz kemm kellha sustanza kokaina fil-pussess taghha. Minkejja dak li ntqal minn Gauci fl-istqarrija, fil-fehma ta' din il-Qorti dawn l-ammonti ta' kokaina hawn fuq indikati huma kunsiderevoli. Ghaldaqstant ma jistghax jinghad li dawn kienu intizi ghall-konsum personali mill-imputata dakinhar dan ghaliex huwa impossibli ghal kwalunkwe persuna tikkonsma dak l-ammont ta' kokaina f'serata wahda. Dan qed jinghad ghaliex l-imsemmija sustanza ma nstabitx fir-residenza tal-imputata izda fil-vettura tal-imputata. Jirrizulta ukoll li l-pulizija fit-tfittxija ta' din il-vettura sabu notamenti bl-ismijiet ta' xi individwi. Dan juri li Gauci kienet qed taghmel diversi transazzjonijiet dwar liema kienet qed tiehu n-notamenti. Fl-istqarrija taghha Gauci sostniet li dawn in-notamenti kienu relatati max-xoghol tal-hanut u mhux xoghol tad-droga.

Madanakollu din il-Qorti ma ssibx li dan ghandu mis-sewwa tenut kont li din il-karta instabet flimkien mas-sustanza kokaina u mhux gewwa l-hanut. Fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova sal-grad rikjest mil-ligi t-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-qua imputata u konsegwentament Gauci ser tinsab hatja tal-imsemmija imputazzjoni.

In kwantu ghat-tielet imputazzjoni senjatament dik rigwardanti l-pussess semplici tal-herojina, irid jinghad li din l-imputazzjoni hija ammessa fl-istqarrija tal-imputata stess li ttiehdet b'rispett shih lejn id-drittijiet kollha spettanti lilha. [5] Konsegwentament it-tielet imputazzjoni tirrizulta pruvata ukoll.

Fir-rigward tal-ahhar imputazzjoni li tirrigwarda r-recidiva jinghad li din il-Qorti hija sprovista mill-provi in sostenn ta' din l-imputazzjoni u konsegwentament ser tilliberaha mill-istess.

Ai fini ta' piena din il-Qorti ser tqis in-natura tal-imputazzjonijiet li taghhom ser tinsab hatja u il-fedina penali tal-imputata. Mill-atti processwali jirrizulta li l-imputata nghatat diversi opportunitajiet sabiex teghleb id-dipendenza taghha fuq is-sustanza illecita u li dawn it-tentattivi ma hallewx ir-rizultanzi mixtieqa. Madanakollu jrid jinghad ukoll li l-imputata f'dawn l-ahhar ftit gimghat regghet bdiet taghmel passi pozittivi tajbin sabiex teghleb l-istess dipendenza bil-ghan li tkun tista terga tintegra fis-socjeta'. Din il-Qorti tifhem li tenut kont il-livell ta' dipendenza tal-imputata dan ma jistghax isir millum ghal-ghada u li bhala socjeta' ghandna d-dmir li naghtu s-sostenn taghna bil-ghan li nghinu fil-process ta' rijabilitazzjoni. Din l-ghajnuna ma ghandhiex tkun limitata biss sabiex persuna taqta d-dipendenza mill-aktar fis possibli izda ghandha tkun wahda holistika li tindirizza diversi aspetti tal-hajja bil-ghan li kemm jistgha jkun persuna ma tergax lura ghall-vizzju tad-droga hekk kif tohrog lura mill-ambjent ristrett tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin l-ghaliex ma jkolliex volonta u determinazzjoni bizzejjed li tkompli fl-astinenza taghha minn sustanzi illeciti.

Ghal dawn il-mottivi, wara li rat ir-regolament 4 u 9 tal-Ligi Sussidjarja 101.02 u l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) kif ukoll 22(9) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti qed issib lill-qua imputata, Ersilia Gauci, mhux hatja tar-raba' imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha filwaqt li qed issibha hatja tal-ewwel imputazzjoni b'dan li l-imsemmi traffikar ikun meqjus bhala trafficking by sharing, kif ukoll hajta tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet hekk kif migjuba fil-konfront taghha. Konsegwentament din il-Qorti qed tikkundana lil Ersilia Gauci ghall-piena ta' hmistax-il xahar habs.

---

[5] Fol. 35 tal-atti processwali.

Ai termini tal-artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti qed tordna ukoll ordni ta’ trattament bil-ghan li l-hatja Ersilia Gauci tinghata l-ghajnuna (anke psikologika) bil-ghan li teghleb id-dipendenza taghha fuq id-droga.

A tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali dina l-Qorti qeghda tordna lill-hatja Ersilia Gauci  sabiex thallas l-ispejjez konnessi mal-hatra ta’ l-esperti fil-proceduri odjerni fi zmien sentejn millum.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.

Christine Farrugia
Deputat Registratur